MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 39

14 ta' Ġunju 2010

Minuti tal-Ewwel Parti tas-Seduta Nru. 39 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 14 ta' Ġunju 2010.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.11.2. **(Ref: T/12/Vol II)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif jidher hawn taħt:

*"2.11.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-proġett pilota iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea dwar is-sostenibilita` fil-qasam turistiku, li għalih il-Mellieħa ġiet magħżula biex tipparteċipa, ser jitħabbar mis-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura waqt konferenza stampa fil-Berġa tal-Italja fil-21 ta' Mejju 2010.".*

1.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi u s-Sindku ġibdu l-attenzjoni għall-minuta 10.7. **(Ref: K/1/2/Vol IV)** u pproponew li din tinqara kif ġej:

*"10.7. Il-Kunsillier J. Azzopardi staqsa x'kienet tkun il-posizzjoni tal-Kunsill f'każ li l-fond Nru. 122, Triq il-Mitħna l-Ġdida kien għal bejgħ minflok dak tal-Mellieħa Sports Club. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li d-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu fuq il-fatti prevalenti u mhux fuq is-supposizzjonijiet.* Huwa fakkar ukoll illi fil-laqgħa li kienet approvata li ssir mill-Kunsill, li saret fit-22 ta' April 2010, id-delegazzjoni tal-Kunsill ipproponiet il-prezz ta' €210,000, fid-dawl tal-istima li saret mill-Perit Joseph Attard ta' €240,000.*".*

1.3. Il-minuti tas-seduta Nru. 38 tas-17 ta' Mejju 2010, ġew approvati u ffirmati bl-emendi mressqa.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. *Status* ta' *Blue Flag* għall-bajjiet (X/1/1/Vol II)

2.1.2. Sar aċċenn għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku għarraf li fil-21 ta' Mejju 2010 saret l-attivita` fl-Għadira, fejn madwar 300 tfal tal-iskola assistew għat-tluq fil-baħar ta' għadd ta' fkieren minn membri tan-Nature Trust. Green MT Ltd ipprovdiet 38 *litter bin* għall-iskart reċiklabbli, mar-ramla kollha kif kien miftiehem. Qal ukoll li fl-istess okkażjoni ġie ppreżentat il-*Beach of Quality Certificate*. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll li minn żmien għal żmien ser isiru spezzjonijiet bil-għan li dan il-livell jinżamm. Dan isir minn spetturi tal-*Blue Flag International* li huma rappreżentati lokalment mill-membri tan-*Nature Trust*.

2.1.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg talab li l-Kunsill jingħata lista tal-kriterji li jridu jiġu sodisfatti biex jingħata l-*Beach of Quality Certificate*.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

2.2.1. **Applikazzjoni għal-licenzja ta' *hawker* (H/6)**

**2.2.2.** Is-Sindku rrefera għal minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa nfurmat li fl-14 ta' Ġunju 2010, il-Pulizija neħħew il-*hawker* li kien jipparkja qrib l-ewwel *bus stop* tal-Għadira meta wieħed ikun ġej mid-direzzjoni taċ-Ċirkewwa.

**2.2.3.** l-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. *Caravans* fl-inħawi tal-Qortin it-Twil (C/4/Vol III)**

2.3.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti, u għarraf li huwa nfurmat li s-Segretarju Parlamentari għan-Negożji Żgħar u l-Artijiet talab lid-Direttur tal-Artijiet sabiex tittieħed deċiżjoni bla aktar dewmien.

2.3.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li nstabet soluzzjoni fir-rigward tal-ikkampjar u għalhekk għandha tinstabx soluzzjoni fil-każ tal-*caravans*. Huwa qal ukoll li għallinqas għandha tittieħed deċiżjoni sabiex dawn jiġu akkomodati temporanjament bħalma sar fis-sajf 2009.

2.3.4. Is-Sindku wieġeb li għalkemm il-Kunsill jista' jagħmel pressjoni fuq l-awtoritajiet kompetenti, id-deċiżjoni ma tistax tittieħed minnu. Huwa aċċenna għall-fatt li fil-każ tal-vetturi *campers* ġiet addotata *policy* li jitħallew jipparkjaw sakemm ma' jarmawx imwejjed u siġġijiet qribhom.

2.3.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mad-Segretarju Parlamentari għan-Negozji Żgħar u l-Artijiet u mal-MEPA sabiex jintuża temporanjament is-sit fil-Qortin it-Twill.

**2.4.1. Tlielaq tal-karozzi fil-Manikata u Triq il-Mellieħa (A/6/3/2/Vol VIII)**

2.4.2. Is-Sur R. Cutajar rrefera għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-Kumitat Residenti Manikata ressaq petizzjoni datata 12 ta' Ġunju 2010 sabiex ma ssirx il-*hillclimb* mitluba għal nhar il-Ħadd 20 ta' Ġunju 2010 fit-toroq ewlenin tal-Manikata u fi Triq il-Mellieħa. Is-Sindku qal li d-deċiżjoni dwar dan l-avveniment għadha tittieħed fid-dawl tal-petizzjoni li ġiet iffirmata minn 189 persuna residenti fil-Manikata, kif ukoll il-*commitments* li diġa saru mill-organizzaturi.

2.4.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-permess għandu jinħareġ sakemm il-bidu tat-tlielaq ikun minn Misraħ il-Parroċċa 'il barra. Kien hemm qbil li bit-tluq minn fejn il-Knisja il-Qadima, xorta waħda jiġu kkawżati nkonvenjenzi u periklu għar-residenti.

2.5.1. ***European Destination of Excellence Status*** **(T/12/Vol II)**

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta għall-2.11.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fil-21 ta' Mejju 2010, is-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura l-Onor Mario De Marco għarraf illi l-Mellieħa ser tkun waħda minn għoxrin lokalita` Ewropea li ser tkun is-suġġett ta' studju mmexxi mill-Universita` ta' Madrid dwar is-sostenibilita` tat-turiżmu. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li saru arranġamenti sabiex is-Sinjorina Nadine Mifsud mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u Dr Gordon Cordina jgħaddu t-tagħrif u l-istatistika meħtieġa sabiex isir l-istudju.

2.5.3. Is-Sur R. Cutajar fakkar ukoll li bejn is-7 u l-11 ta' Ġunju 2010 huwa kien mistieden jattendi konferenza li saret fil-Fillandja, miftuħa għar-rappreżentanti ta' 75 lokalita` li ngħataw dan l-i*status*. Kompla jgħid li hija l-prassi illi jkun hemm żewġ konferenzi fis-sena ta' dan it-tip – waħda ssir fi Brussel u oħra ssir f'xi waħda mil-lokalitajiet li ngħatat dan l-i*status*. Is-Sur R. Cutajar qal l huwa ssottometta l-kandidatura tal-Mellieħa biex torganizza l-konferenza li jmiss. Dan sar flimkien ma' lokalitajiet oħra mir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, Ċipru, Bulgaria, Rumanija u l-Italja.

2.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Imblukkar ta' passagg minn Triq l-Etna ghax-xifer (T/4/8/2)**

2.6.2. Saret referenza għall-minuta 4.3.3. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-laqgħa mad-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt kienet għadha ma seħħitx minkejja t-talba li saret min-naħa tal-Kunsill.

2.6.3. Kien hemm qbil li għandha terġa ssir talba mill-ġdid.

**2.7.1. Ftuħ ta' Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani fil-Mellieħa (A/1/2/Vol IV)**

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li għall-*open weekend* li kien hemm fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum kien hemm rispons pożittiv, tant li rreġistraw 'il fuq minn 100 persuna biex jibdew jiffrekwentaw l-istess ċentru. Huwa aċċenna wkoll li, kif jidher fil-*Purchase Request Form* annessa ma' dawn il-minuti, il-Kunsill ser ikun ikkontribwixxa bix-xiri ta' apparat, *CD player,* mera u tapit għal *fitness centre*. Inħarġet sejħa għall-istimi sabiex isir it-tindif regolari tal-aperturi li jħarsu fuq il-parkeġġ. Erba' ħaddiema li ser ikunu jaħdmu fiħ fuq bażi *full-time.*

2.7.3. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li kemm-il darba jkun hemm konkorrenza ta' erba' persuni li jixtiequ jattendu n-*night shelter*, dan ikun jista' jopera wkoll flimkien mar-*respite centre*.

2.7.4. Il-Kunsill approva x-xiri tal-oġġetti msemmija, u nnota l-iżviluppi msemmija.

2.8.1. **Ikkampjar fl-inħawi tal-Imġiebaħ (C/4/Vol III)**

2.8.2. Saret referenza għall-minuta 13.1. Is-Sindku ppropona li l-iskeda tal-Gwardjani Lokali għax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru tiġi modifikata biex tilqa' l-esiġenzi li jġib is-sajf, bħalma huwa infurzar tar-regolamenti dwar il-*barbecues*, ingombru bil-karrijiet tad-dgħajjes, ħruġ ta' skart barra mill-ħinijiet tal-ġbir eċċ.

2.8.3. Il-Kunsill għadda dan l-inkariġu f'idejn il-Viċi Sindku E. Bartolo u s-Segretarju C. Debono.

**2.9.1. Vandaliżmu fil-ġonna pubbliċi (K/6/3/Vol III)**

2.9.2. Saret referenza għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna li nhar il-Ħadd 30 ta' Mejju 2010 huwa rrapporta lill-Pulizija att vadalu li kien għaddej fi Ġnien il-Qigħan, fejn numru ta' żgħażagħ inqabdu jkissru erba' siġġijiet tat-Teatru Grieġ li hemm fl-istess ġnien.

2.9.3. Is-Sindku kkummenta li dawn iż-żgħażagħ għamlu tajjeb għal din il-ħsara, iżda huwa issuspettat li l-istess persuni kienu responsabbli għat-tkissir ta' 18-il siġġu ieħor.

2.9.4. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-ġenituri taż-żgħażagħ involuti sabiex jintalab il-kumpens għall-ħsara kollha li saret u fin-nuqqas ta' dan, il-Pulizija tintalab tkompli tinvestiga. Kien hemm qbil li m'għandux jiġi eskluż lanqas, xogħol b'risq il-komunita` mill-istess żgħażagħ.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 13/05/10 – 08/06/10
- *Purchase Request Form* – 08/06/10
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Laqgħa dwar l-Estensjoni tal-Pergola Club Hotel – 25/05/10
- Ittra ta' Direzzjoni mill-Udituri tal-Kunsill – 19/04/10
- Abbozz ta' Tweġiba għall-Ittra ta' Direzzjoni mill-Udituri tal-Kunsill – 05/07/10
- Rendikont Finanzjarju – Jannar – Marzu 2010

## 4.0. Korrispondenza

**4.1.1. Proġett – "2 Coasts 1 Europe" (P/10/6)**

4.1.2. Saret referenza għal *e-mail* dwar is-suġġett t'hawn fuq datat 9 ta' Ġunju 2010, mibgħut mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, l-Kunsilli Lokali u l-Konsultazzjoni Pubblika. Fl-istess e-mail intqal li ser jibqa' għaddej il-proċess biex tingħata s-somma kommessa ta' €13,796 biex jiġi onorat il-finanzjament tal-Proġett *"2 Coasts 1*

*Europe*" permezz ta' Action 1.1. taħt il-Programm Youth In Action. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Bord tal-Evalwazzjoni fi ħdan l-istess Segretarjat, informa lill-Kunsill permezz ta' ittra datata 4 ta' Ġunju 2010, li approva t-talba għall-ko-finanzjament tal-parti tal-proġett li twettqet fil-Polonja. Dan il-finanzjament jinvolvi s-somma ta' €2,550.

4.1.3. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li l-parti tal-proġett li twettqet fil-Mellieħa saret kif kien ippjanat bejn l-1 u l-10 ta' Ġunju 2010. Huwa kompla jgħid li l-akkomodazzjoni offruta fil-Mellieħa kienet tipparaguna aħjar minn dik ta' Elblag, filwaqt li l-ikliet ingħataw minn stabbilimenti differenti skond ma jidher fil-*Purchase Request Form* mehmuża ma' dawn il-minuti. Is-Sur Fenech aċċenna wkoll għall-fatt li kien hemm żewġ persuni żgħażagħ Pollakki b'diżabilita` li kellhom jsiru arranġamenti speċjali għalihom biex setgħu jipparteċipaw. Huwa qal ukoll li għar-riċeviment illi kien hemm fi tmiem iż-żjara attendew ir-rappreżentanti minn tmien għaqdiet Melleħin differenti. Fl-istess okkażjoni saret preżentazzjoni dwar il-kontenut tal-programm ta' xogħol li twettaq f'Malta.

4.1.4. Is-Sindku qal li jixtieq jagħmel nota ta' ringrazzjment lill-Viċi Sindku E. Bartolo, lill-Kunsillieri H. Fenech u P. Cutajar li ħadmu biex seħħ dan l-iskambju.

4.1.5. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li saret talba lill-Bord tal-Evalwazzjoni fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, sabiex jinkiseb il-ko-finanzjament tal-parti tal-proġett li għandha kemm twettqet fil-Mellieħa.

4.1.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 8 ta' Ġunju 2010.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-13 ta' Mejju u t-8 ta' Ġunju 2010.

6.3. Il-Kunsill ra l-iskeda mressqa u approva l-pagamenti elenkati fiha.

## 7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

***"Billi saret sejħa għall-offerti skond l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti** dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali* - ***Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li jkun hemm provista ta' materjali meħtieġa in konnessjoni mat-twettieq tat-Tieni Fażi tal-Proġett Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ;***

***Billi t-tliet offerti li daħlu sad-data tal-għeluq ġew evalwati mill-istess Kunsill fis-seduta Nru. 38, skond kif jidher mill-minuti tal-istess seduta;***

***Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2010 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri l-proġett imsemmi (Vot 7505);***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-kumpanija Central Asphalt Ltd illi offrew l-aktar rati vantaġġjużi biex ifornu l-materjali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proġett imsemmi. ".*** **(P/4/6/Vol III)**

7.2. Id-diskussjoni fuq il-mozzjoni tħalliet għat-tieni parti tas-seduta.

**8.1.** Estensjoni tal-Pergola Club Hotel **(P/5/8/1)**

8.2. Saret referenza għall-minuti tal-laqgħa tal-25 ta' Mejju 2010, intiża għar-residenti li joqgħodu qrib il-lukanda msemmija dwar l-applikazzjoni li saret lill-MEPA – PA 285/09, kif ukoll għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti. Huwa rrefera b'mod partikulari għall-intervent li sar mis-Sur Lino Abela fejn aċċenna għal petizzjoni li saret mir-residenti ta' Triq Snajjin fl-2008 dwar l-ipparkjar ta' vetturi b'rabta mal-Pergola Club Hotel. Is-Sur R. Cutajar talab li l-minuti tal-laqgħa li seħħet fil-25 ta' Mejju 2010 jiġu emendati fis-sens li huwa kien talab kopja ta' l-istess petizzjoni, peress li ma kinitx fil-file P/5/8/1 li tpoġġa għad-disposizzjoni tal-*panel* waqt il-laqgħa.

2.2.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg talab ukoll li l-minuti tal-laqgħa tal-25 ta' Mejju 2010 jiġu emendati fis-sens illi huwa kien ppropona li għandu jsir *Traffic Impact Statement.* Huwa kien għamel dan minħabba li mill-interventi illi saru l-inkonvenjenzi dwar relatati mal-vetturi kienu evidenti ħafna.

8.3. Il-Kunsill qabel li l-minuti għandhom jiġu mgħoddija lir-residenti u lill-MEPA..

## 9.1. Riforma fit-trasport pubbliku – Rotot tal-Karozzi tal-Linja fil-Lokalita` (T/5/1/Vol II)

9.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li tkomplew il-kuntatti mal-Ministeru tal-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni u Transport Malta dwar ir-rotot tat-trasport pubbliku fil-Mellieħa. Huwa qal li l-bażi tal-*feeder lines* u r-rotot ewlenin ġiet ndikata fil-parkeġġ li hemm qrib ir-*roundabout* ta' Selmun. Is-Sur R. Cutajar kompla jispjega li l-problemi ta' konġestjoni fit-toroq ewlenin tista' tiġi mnaqqsa bit-tneħħija tar-rotot ewlenin li jkunu sejrin fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Baħar, li minflok jgħaddu minn wara l-knisja parrokkjali.

9.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa ma jarax li Triq is-Santwarju, Triq Ġnien Ingraw, Triq Mons. Indri Fenech u Triq il-Wied huma addattati għall-karozzi tal-linja. Għalhekk miżura bħal din x'aktarx li tqanqal reazjoni mir-residenti ta' dawn it-toroq, li sal-lum kienu kwieti.

9.4. Is-Sindku għarraf ukoll li l-laqgħa għas-sidien tan-negozji fit-toroq ewlenin ser issir fi ftit jiem oħra u d-data tiġi komunikata aktar 'il quddiem.

## 10.1. Arranġamenti tat-traffiku ġodda fit-toroq ewlenin u toroq oħra (T/3/3/Vol IV)

10.2. Id-diskussjoni fuq dan is-suġġett tħalliet għat-tieni parti tas-seduta.

## 11.1. Tħejjijiet għall-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)

11.2. Is-Sindku għarraf li l-għaqdiet qed juru nteress li jipparteċipaw f'din l-attivita`. Fil-fatt jidher li l-Għaqda Mużikali Imperial, is-Societa` Filarmonica La Vittoria, l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, iċ-Ċentru Laburista u l-Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista wrew li ser jieħdu sehem. Laqgħa ma' l-istess għaqdiet ser issir fis-17 ta' Ġunju. Is-Sur R. Cutajar qal li ser isir użu minn palk f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II illi ħa jiġi misluf mill-Kunsill Malti għall-Kultura. Huwa għarraf ukoll li f'dak li huwa audio qegħdin isiru arranġament apposta biex ikunu jistgħu jdoqqu l-grupp Nafra.

11.3. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li fit-12 ta' Ġunju 2010 huwa ltaqa' mal-Maġġur Francis Bezzina sabiex jiġi stabbilit in-numru ta' Pulizija meħtieġa, kif ukoll il-miżuri li jridu jittieħdu biex jiġi kkontrollat it-traffiku. Huwa ppropona li jsir avviż fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex il-Pulizija jkunu jistgħu jinfurżaw il-liġi f'dak li jirrigwarda l-ipparkjar u għeluq ta' toroq. Ippropona wkoll li l-operaturi tal-garaxxijiet u l-lukandi jiġu nfurmati bir-restrizzjonijiet li ser ikun fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ **Borg Olivier wara is-6.00pm, u f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II mit-3.00pm, fid-19 ta' Ġunju.**

11.4. **Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.**

## 12.1. Proposta għall-bini ta' kumpless ta' ħwienet, appartamenti u parkeġġ li jestendi minn Triq Ġorġ Borg Olivier għal Triq Sammy Bartolo (P/5/8/G)

12.2. Id-diskussjoni fuq dan is-suġġett tħalliet għat-tieni parti tas-seduta.

## 13.1. Ittra ta' Direzzjoni tal-Udituri – Sena Finanzjarja – Marzu – Diċembru 2009 (F/1/2/Vol VII)

13.2. Id-diskussjoni fuq dan is-suġġett tħalliet għat-tieni parti tas-seduta.

## 14.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2010 (F/1/1/Vol II)

14.2. Id-diskussjoni fuq dan is-suġġett tħalliet għat-tieni parti tas-seduta.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fit-8.30pm u kien hemm qbil li għandha titkompla nhar it-Tlieta 22 ta' Ġunju 2010, fis-6.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**